Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 54**
**Tlieta  27 ta'Gunju**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:30 pm.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi :  Kunsillier
Margaret Baldacchino Cefai :  Sindku
Romina Galea :  Viċi Sindku
Maurice Agius :  Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop :  Kunsillier
Emanuel Brincat :  Kunsillier
Alfred Farrugia :  Kunsillier
Renald Camilleri :  Kunsillier

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Jean Claude Borg :  Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella :  Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

54.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Jean Claude Borg, li talab li jkun skużat.
Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

**54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

54.2.01 Il-Minuti tas-Seduta L8-52 ittieħdu bħala moqrija.
Saret korrezzjoni fil-minuti 53.5.22
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**54.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

54.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika ġol uffiċju tal-Kunsill Lokali L-Imsida dwar il-pjan ta' azzjoni għall-Integrazzjoni li saret nhar it-Tlieta 20 ta'Ġunju li għaliha kien hemm preżenti l-Onor Rebecca Buttigieg Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza li ħadet nota tal-kummenti ta' dawk li attendew.

54.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-programm ta'Attivitajiet Sajf fil-Pjazza u għarrfet lill kunsilliera preżenti li nhar il-Ġimgħa 30 ta'Ġunju go Misraħ San Guzepp se jkun hemm serata Country.

54.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-laqgħa plenarja organizzata mill-AKL li saret is-Sibt 17 ta'Ġunju u l-quddies ta' ringrazzjament ġol Katidral ta' San Ġwann li se ssir nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju bħala parti mill- programm ta'attivitajiet sabiex jitfakkar it-30 sena mit-twaqqif tal-kunsilli Lokali.

**54.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

54.4.01 B'referenza għal minuti 53.3.12 dwar it-Tisbiħ ta' Pjazza Victor Denaro, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-Perit maniġerjali tal-Aġenzija Project Green is-Sinjura Beverly Costa sejħet laqgħa nhar it-13 ta'Ġunju sabiex jsiru xi tibdiliet meħtieġa għal inklużjoni ta' numru ta' kriterji fosthom illuminazzjoni permess ta'enerġija solari inkluż is-sistema tal-pompi għal funtana. Ġie diskuss ukoll il-proċedura ta' kif għanda tinħareġ is-sejħa għal tender mill-kunsill lokali u kif fil- bord tal-evalwazzjoni rrid ikun hemm rappreżentanza tal-Aġenzija li se tkun qed tiffinanzja 90% tal-proġett. Preżenti għal laqgħa kien hemm il-Project maniġer inkarigat mill-Aġenzija, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, is-Sur Emanuel Brincat, s-Segretarju Eżekuttiv u l-periti tal-kunsill. B'relazzjoni mal-istess proġett id-direzzjoni tal-FTS sejħet laqgħa oħra nhar id-19 ta'Ġunju li għaliha attendew is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, is-Sur Emanuel Brincat , l-periti tal-kunsill u Project maniġer inkarigat mill- Aġenzija P.G. fejn kienu diskussi l-aċċess għal l-iskola u servizzi għas-substation.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li dan jinvolvi l-ħruġ ta'emerġenza mill-iskola li se jkunu amalgamata mal-proġett.
Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk hemmx xi indikazzjoni ta' meta se tkun lesta l- iskola.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li din trid tkun lesta u miftuħa għal-istudenti sa l-aħħar ta' Diċembru 2023 ħlief għas-sala li għanda tkun lesta ftit wara. Hawn spjega li kien hemm diskussjonijiet mal-BCA sabiex jinħargu l-permessi neċessarji li ġew approvati ħalli x-xogħol jibqa' għaddej sa tard filgħaxija u anke fil-jum tal-Hadd.

54.4.02 B'referenza għal minuti 53.3.03 dwar il-verifika f'rigward ta'CCTV ġewwa l-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-Aġenzija LESA kkomunikat li għamlet ftehim mal-AKL permezz ta' MOU, li jkopri mill-1 ta' Jannar 2022 sa l-aħħar ta Diċembru 2024, u li jista' jiġi mġedded. Permezz ta' dan l-MOU, l-Aġenzija qed tikkommetti 10% għal kull ċitazzjoni li titħallas u li tkun maħruġa minn fuq kameras propjetà fl-intir tagħha tal-Kunsill. Dan se jkun addizzjonali ma l-10% tal-ħlas amministrattiv li jsir meta kontravenzjoni titħallas fil-Kunsill rispettiv. Għalhekk fil-preżent qed isiru l-aġġustament fuq il-pjattaforma LES.gov.mt, sabiex ikunu jistgħu jinħargu r-rapporti relevanti. Matul il-ġimgħat li ġejjin, dawk il-kunsilli li diġà għandhom kameras propjetà tagħhom imqabbdin mal-Aġenzija għal finijiet ta' infurzar, ser ikun avviċinati sabiex jibda l-proċess ta' verifikazzjoni u effettivament, isir il-ħlas relevanti.

54.4.03 B'referenza għal- minuti 53.4.01 dwar SPI/SCI/03/2023 - Espressjoni ta' Interess: The World Clean Up Campaign 2023, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret applikazzjoni sabiex ssir *clean up* tal-baħar go daħla tal-Imsida.

54.4.04 B'referenza għal minuti 53.4.02 is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm kuntatt mas-sid minħabba l-permess biex il-fanali li hemm go Triq il- Parroċċa jiġi nstallat mal-propjetà tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għadu ma tkellimx mas-sidien tal-binja msemmija minħabba li apparti li għad ma għandux il-kuntatt tagħhom hemm dubju jekk jistax jeħel fejn indikat biex ikun faċċata eżatt mal-fanal go Triq Mons Falzon għax jekk se jkun taħt il-gallerija jista' jkun xi ftit baxx.

54.4.05 B'referenza għal minuti 53.4.03 dwar is-sessjonijiet tal-Yoga, s-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-programm intlaqa sew u qed ikun hemm parteċipazzjoni tajba.

54.4.06 Is-Sur Maurice Agius għamel referenza għal minuti 53.4.04 dwar l- istimi għal ħsarat minħabba xogħol żvilupp li sar go Triq u Sqaq J. Catania u r-railing go Triq Clarence.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li saret laqgħa oħra fuq il-post din id-darba ma' wieħed mill-iżviluppaturi dwar zoni varji li hemm fejn se jaraw l-istimi mgħoddija. Dwar ir-railing ta'Triq Clarence dan kien ġa fi stat ħażin qabel ma beda l- iżvilupp anke fuq in-naħa l-oħra għalhekk ma tantx tista' tirranġa ħlief tibdel kollox u li ma jaqbilx jekk hemm xi pjan li ssir it-triq u ppropona li meta l-kunsill jiddeċiedi li jagħmel dan huwa lest li jagħmel ftehim li se jħallas il-parti tiegħu.

54.4.07 B'referenza għal minuti 53.4.08 dwar diversi nuqqasijiet relatata mal-ġbir tal-iskart residenzjali, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li intalbet laqgħa mal-kuntrattur li saret fit-12 ta'Ġunju li għalija kien hemm preżenti għal Kunsill Lokali L-Imsida is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u għal Kunsill Reġjonali tal-Lvant kien hemm il-President Anthony Chircop, is-Sinjura Jeanette Galea, u l-uffiċjal maniġerjali is-Sur Ryan Zammit fejn ġew diskussi u ntlaħaq qbil dwar il-ġbir tal-iskart li jrid ikun lest sat-03:00 p.m , Il-kolletturi ma jagħmlux piling ta' skart fejn ma jkunx permissibbli mill-Kunsill Lokali Msida u fl-iqsar żmien possibbli tiġi provduta r-rotta għall-ġbir tal-iskart fejn il-kunsill lokali għadda l-lista ta'toroq f' format Excel sabiex timtela bil-ħin approssimattiv.

54.4.08 B' referenza għal minuti 53.4.09, Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm xi risposta dwar il-bollards li ntalbu biex jsiru go Triq il-Wied.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li l-IM qed tikkunsidra tuża bollards differenti minn dawk tal-plastik użati sa issa minħabba li qed ikun hemm ħafna ħsarat u talbiet biex jinbidlu filwaqt li il-prezz tagħhom għola sew.

54.4.09 B'referenza għal minuti 53.4.10, Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk l-Għaqda tad-Dgħajjes ġabetx lura il-bollards imsemmija sabiex jinbidlu dawk ta'Triq Mons D'Andrija k/m Triq D'Argens.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li minkejja li waqt il-laqgħa li saret mal-kunsilliera, talab lir-rappreżentat biex iġibhom lura sal-ġurnata dawn għadhom ma ġewx.

54.4.10 B'referenza għal minuti 53.4.14, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li qed ssir ix-xogħol tat- tieni kisja ta' tarmak go Triq Clarence. F'rigward tal-parti minn Triq ix-Xatt tal-Imsida sa faċċata ta'fejn kien hemm id-dar tal-anzjani, l-IM ma'tistax tagħmel l-intervent mitlub minħabba li mhux provdut fil-kuntratt li huwa kważi eżawrit.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk ix-xogħol hux se jkun lest sal-Festa.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jrid jivverifika mal-perit iżda ma jaħsibx li l-aħħar parti bejn Triq il Baċir u Qrejten se tkun lesta

54.4.11 B'referenza għal minuti 53.4.15, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li qed jeħlu it-tabelli meħtieġa sabiex l-parti l-ġdida ta' Triq Dun Andre minn Triq l-Irmiġġ tkun direzzjoni waħda lejn Triq il-Wied fejn se ssir ukoll road hump filwaqt li fil-parti l-antika sa Triq il-Wied se tkun tippermetti għal żewġt direzzjonijiet.
Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-ħruġ perikoluż minn Triq Dun Andre biex iduru mal-ewwel lejn l-Ghajn tal-Ħasselin u staqsa jekk hux il-każ li jsiru xi bollards ħdejn is-central strip.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew iżda ma kienx hemm deċiżjoni.

54.4.12 Is-Sur Maurice Agius għamel referenza għal-minuti 53.4.17 sabiex isiru iżjed bollards tal-metall bħal li hemm fuq iz-zuntier tal-knisja in-naħa ta'isfel fil-kantuniera, dan għaliex ir-rampa qed tkun ingumbrata bil-prodotti ta'bejjiegħa minn van li xorta qed joqgħodu hemm minkejja li hemm il-linji sofor doppji għalhekk hemm bżonn li dawn issiru taħt il-bankina.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li biex il-bollards jiġu taħt il-bankina irridu jkunu approvati minn TM għalhekk għadna ssir applikazzjoni u jekk l-aġenzija ma'ssib l-ebda oġġezzjoni dawn issiru hekk.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li għad fadal xi bollards bħal dawk li saru fejn iz-zuntier u se jara eżatt x'jista' ssir.

54.4.13 B'referenza għal-minuti 50.4.18, is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm xi ħjiel meta se tibda topera l-pulizija fil-komunità go L-Imsida u talab sabiex il-kunsill jerġa jikkomunika magħhom.
S-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma hemmx dettalji u ħa nota biex jikkomunika mal-ispettur inkarigat.

54.4.14 B'referenza għal minuti 53.4.19, Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk kienx hemm x'żvilupp dwar meta se jibda ix-xogħol fil-parti magħluqa ta' Triq Achille Ferris u talab sabiex il-kunsill jerġa jikkomunika ma' IM forsi ikun hemm aktar informazzjoni.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma hemmx dettalji u ħa nota biex jikkomunika mal-partijiet kolla involuti.

54.4.15 B'referenza għal-minuti 53.4.20, is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar it-tisbiħ gor-roundabout tac- Ċirku tal-Imsida.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jonqos l-approvazzjoni minn għand it-TM.

54.4.16 B'referenza għal minuti 53.5.07 b'relazzjoni ma l- implimentazzjoni għal parkeġġ tal- E-kick scooters, Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta vizwali dwar il-linji gwida minn TM. Spjega wkoll li TM avżat li se timplimenta l-Ewwel tlett siti proposti go Triq L-Zahmenhoff, Triq Oscar Zammit fuq il-bankina u Triq J.Borg go parkeġġ li għalija għamel oġġezzjoni għax il-kunsill ppropona sabiex din tkun fuq il-bankina bejn is-sigar tal-JC. Ma dawn wasal ukoll proposta għal sit ieħor ħdejn l-bus stop kulleġġ.

54.4.17 B'referenza għal minuti 53.5.09, dwar it-tabelli relatati L.S.363.222 li tirregola xorb f'kontenituri tal-ħġieġ u konsum tal-alkoħol f'postijiet pubbliċi, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li sar id-disinn u ġew ordnati 10 tabelli sabiex jeħlu fejn meħtieġ go zoni li fihom qed ikun hemm abbużi relatata.

54.4.18 B'referenza għal-minuti 53.5.12 dwar ir-restawr ta' l-Għajn tal-Ħasselin is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li x-xogħol inkluż id-dawl u manutenzjoni mad-dawra tagħha jinsab f'stadju avvanzat u daqt ikun konkluż.
Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar it-tindif fejn spjega li ntalbet stima sabiex l-ilma u l-ħama jiġi mnaddaf permezz ta' bowser. Tkellem ukoll dwar il-fanali li hemm fuq il-bankina li huma qodma u ma'għadhomx iservu l- iskop li jillumina l-għajn minħabba s-sistema ta'dawl ġdida għalhekk qed jipproponi li dawn jiġu żarmati.
Il-kunsilliera preżenti għamlu diskussjoni u qablu unanimament ghat- tindif tal- ħama u li jiġu żarmati l-fanali qodma.

54.4.19 B' referenza għal minuti 53.5.15 dwar iż-żewġt stabbilimenti li għandhom il-pletform fi Triq il-Parroċċa u it-talba min għand l-avukat ta'wieħed minnhom dwar il-permessi ta'żmien il-festa, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li kkonsulta mal-ispettur tal-pulizija u ġew imsejħa iż-żewġt operaturi sabiex dawn jilħqu ftehim sa fejn kull wieħed minnhom għandu jarma fejn kien stabbilit b'mod ċar li bejniethom irrid ikun hemm spazju żgħir li se jservi ta' buffer zone li t-tnejn aċċettaw.

**54.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

54.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-programm sportiv għat- tfal organizzat mal- Imsida Football Nursery liema attivitajiet waslu lejn il-qofol tagħhom u għad irridu jinxtraw it-trophies u tifkiriet tal-parteċipazzjoni li b'kollox jammontaw għal €600.

Il-kunsillier preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

54.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-Festa lokali li se ssir matul il-Ġimgħa bejn is-17 u 23 ta'Lulju fejn spjegat li minħabba il-proġetti ta' Triq ix-Xatt ta'Xbiex jista' jkun hemm bżonn li jiġu kunsidrati alternattivi fejn se jkunu armati il-gabbani jekk dawn japplikaw kollha.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-*bus layby* xorta se ikun qed jaħdem matul il-ġurnata sakemm jingħalqu it-toroq għalhekk ma tistax tpoġġi il-gabbani, għalhekk l-spazju li kien ikun allokat issa naqas b'bosta metri. Tkellem ukoll dwar il-proġett li għaddej fil-mument għas- sistema tal-ilma tax-xita li għad irrid ikun żgurat meta dan se jieqaf u b'dak li se jsir sabiex ikun żgumbrat, imnaddaf u sigur biex tkun tista' ssir il-festa u l-attivitajiet relatati.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li se jitlob laqgħa apposta mal-MPWD u ppropona sabiex l-applikazzjonijiet għal permess tal-gabbani għandhom ikunu sottomessi sal-5 ta'Lulju. Jekk ikun il-każ dawn għandhom jingħataw l-għażla sabiex jaħdmu min Misraħ 5 ta'Ottubru ħdejn il-Monument tal-Ħaddiema.
Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament.

54.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda stima ta'€1500 inkluż il- VAT sabiex ssir il-ħadid mad-dawra tal-Funtana go pjazza Victor Denaro.
Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament.

54.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-bins li hemm fuq il-promenade li huma żgħar u mhux addattati sabiex jesgħu il-volum ta' rimi li jkun hemm ghalhekk hemm bżonn li dawn jinbidlu u jiżdiedu. Għaldaqstant inġabru xi stimi li poġġiet fuq il-mejda sabiex jinxtraw 14 il-bin li almenu għandhom ikunu kbar biżżejjed li jesgħu l-kaxxi tal-pizza u take away li jkun hemm u ppropониet mudell tal- 85 lt li jiswa €420 inkluż il VAT.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew l- mudelli u l-istimi l-oħra u qablu unanimament.

54.5.05 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda l-istima ta' €2133.22 għal assigurazzjoni fuq valur ta €60,000 tal- van il-ġdid. Hawn spjega li biex jinżamm dan il-prezz irrid jiġi trasferit il-No Claim bonus tal- vann bir-reġistrazzjoni IBI-754 li huwa ta'valur baxx (€2500) u li għalih imbagħad irrid issir il-ħlas ta'differenza (€95).

B'dan il-mod il-Kunsill Lokali jkun qed jiffranka b'madwar EUR 4000 bejn iż-żewġt poloz.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

54.5.06 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda is-sottomissjonijiet bl-erba' nominati hawn msemmija għal- Onorifiċenza f'Ġieh L-Imsida 2023 li kienu Għaqda Ġostra Msida, Mons. Alfred Camilleri, Is-Sur Alfred Falzon, Is-Sinjura Doris Pace u ta' dettalji fil-qosor dwarhom.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li għandu jinħatar Bord tal-għażla kompost minn tlett membri proposti Dr. Carmelo Grima, Is-Sinjura Marita Portelli u s-Sur Matthew Dimech.

54.5.07 Saret referenza għal minuti 53.5.16 dwar email minn għand membru rappreżentant tal-Għaqda tas-Sajjieda u Dgħajjes lokali b'ilment dwar l-amministrazzjoni tal-iskal, fejn issejħet laqgħa kif kien deċiż li għaliha attendew Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, il-kunsilliera Charles Selvaġġi , Emanuel Brincat, Maurice Agius, Jean Claude Borg, Nicholas Chircop, Alfred Farrugia u Renald Camilleri u rappreżentanti tal-Għaqda Dgħajjes u Sajjieda Msida is-Sinjuri Mark Tonna, Tonio Fenech u Lino Sammut. Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai fetħet billi spjegat f'rigward tal- laqgħa mitluba mis-Sur Tonna li din kienet għada ma ġietx imsejħa minħabba li l-ewwel il-kunsill ried jiltaqa' ma' TM (Marittima), dwar ir-reġistru tal-irmiġġi go daħla tal-Imsida, dwar jekk kienx hemm xi dgħajjes li mill-Imsida ġew trasferiti għal post ieħor u dwar id-dgħajjes li hemm fil-banju li suppost ġiet provduta wkoll lista mill-għaqda. Waqt il-laqgħa ġie diskuss il-kontenut tal-email dwar id-deċiżjonijiet tal-kunsill fejn saret referenza għal artiklu 5.2 tal-Bye law li jistabbilixxi kif l-applikant li jikkwalifika mal-kriterji sabiex jagħmel użu fl-arja msemmija għandu l-ewwel japplika għand il-Kunsill u f'każ li dik l-applikazzjoni tiġi approvata l-Kunsill jistabbilixxi l-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jkunu japplikaw għal dik l-awtorizzazzjoni sabiex l-applikant juża l-post allokat lilu. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dawn l-pattijiet u l-kundizzjonijiet huma inklużi fil-formola tal-applikazzjoni li l-għaqda ġew konsultati dwarhom minn qabel u l-applikant ikun qed jiftiehem u jintrabat bihom. Saret ukoll kjarifika dwar l-ismijiet imsemmija waqt il- konverżjoni msemmija fl-email fejn waqt li kien qed jiġi spjegat li hemm 9 membri fil-kunsill kien iċċarat li dawn issemmew kollha u mhux biss dawk li ġew indikati.

Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar dak li ppropona sabiex almenu fl-emendi għal byelaw ikun hemm provdut l-użu mill- iskall għal dawk is-sidien ta'dgħajsa li ma'għandhomx irmiġġ fid- daħla iżda huma residenti ġol-Imsida.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li ssir l-emenda li tgħid sakemm ikun hemm post skond il-kriterji tal-bye law, jistgħu jkunu kunsidrati ukoll dawk sidien reġistrati ta'dgħajsa li tikkwalifika skond l-istess bye law iżda li ma għandix l-irmiġġ go daħla tal-Imsida sakemm dawn ikunu residenti li għandhom il-karta tal-identità turi residenza ġol- Imsida. Ġie deċiż ukoll li sakemm ssir l-emenda jekk ikun hemm xi każ fejn resident mill-Imsida jixtieq jagħmel użu mill- iskall dan għandu jkun kunsidrat skond il-kriterji msemmija f'din l-emenda li għada kif ġiet proposta u mgħoddija.

B'relazzjoni mas-suġġett, Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta talba minn sid li ħalla d-dgħajsa fuq l-iskall għal bosta ġimghat jew 35 ġurnata aktar milli kien permess sabiex il-kunsill jikkunsidra tnaqqis mill- penali mposta fuqu.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li sakemm dan is-sid joħroġ id-dgħajsa minn fuq l-iskall matul din il-ġimgħa kurrenti l-multa li għanda tiġi mnaqqsa għal dik ekwivalenti ma' 28 ġurnata bl-istess rata għal kull ġurnata.

Is-Sur Charles Selvaggi ppreżenta ritratt li rċieva min għand xi hadd fejn qed juri li hemm dgħajsa fuq il-promenade li kien meħud fil-ġurnata ta'qabel u staqsa jekk din kienx hemm permess.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li permessi li joħroġ il-kunsill huma relatati biss mal-użu tal-iskall skond il-Bye law. F'rigward tar-ritratt ħa nota u talab lis-sur Selvaggi biex jibgħatu lilu imbagħad spjega sa fejn huwa infurmat fil-ġurnata ta'qabel ġie sid ta'dgħajsa javża li se jagħmel xogħol ta'emerġenza fuq l- islipway u ttieħdu d-dettalji tiegħu għalhekk jekk id-dgħajsa li hemm fir-ritratt hija l-istess se jara li jkellmu. Iżda kien ikun aktar f'pożizzjoni li jieħu azzjoni kieku dawn il-każi jkun jaf bihom fil-waqt u mument li jkunu qed jseħħu.

54.5.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba mill- għaqda tal-armar għal għajnuna finanzjarja sabiex il-knisja tixtri lifter ġdid stmat €30,000.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li sakemm ma jkunx hemm xi skema apposta li tippermetti dan il-kunsill lokali ma jistax joħroġ fondi għal dan l-iskop

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li ma setgħux jagħmlu għotja finanzjarja għal xiri ta’vettura msemmija.

54.5.09 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar grafiċi li saru ma' ħajt go Triq il-Kunċizzjoni ħdejn il-ġibjun u staqsa sabiex il-kunsill lokali jieħu ħsieb jagħti passa żebgħa fuq il-ħajt
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ġibdet l-attenzjoni li dan huwa ħajt tal-privat għalhekk għandu jieħu ħsieb is-sid inkella il-kunsill se jispiċċa joqgħod jagħmel kull ħajt jew roqgħa privata fejn ssir xi tip ta’vandaliżmu fuqhom.

54.5.10 Is-Sur Renald Camilleri tkellem dwar iż-żebgħa tal-pedestrian crossings go Triq D'Argen u Xatt ta'Xbiex u staqsa meta se jsiru għax bilkemm jidhru.
Is-Sur Maurice Agius għamel referenza għal minuti 51.4.11 dwar il-bollards go Triq il-Kunzar u staqsa l-għala dawn għadhom ma sarux meta l-kunsill iddeċieda li se jsiru aktar minn 5 xhur ilu li ma tistax tinbidel qabel ma jgħaddu 6 xhur u mhux jiġi deċiż li jsiru tabelli minflokhom.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li mhux il-Każ li inbidlet xi deċiżjoni tal-kunsill fejn se jsiru kemm bollards kif ukoll tabelli. L-unika raġuni li dawn u il-pedestrian crossings għadhom ma sarux hija li kif diġa ġie spjegat kemm il-darba fir-riżors uman assenjat li huwa disponibbli ma hemmx ċertu kapaċitajiet li tista’ taqbad u tgħaddi x-xogħol b'ċertu serħan tal-moħħ li se jagħmluh tajjeb mingħajr ma trid toqgħod tmur magħhom biex turihom kif irrid ssir u fejn eżatt. Hemm ukoll li tnejn minn tlett persuni ma jridux jsuqu il-van għal raġunijiet tagħhom allura meta ma jkunx hawn xufier bħal din il-ġimgħa u ghalhekk trid tara x'jista’ ssir fil-viċin. Apparti minn hekk ma jistax ikun li Segretarju Eżekuttiv joqgħod ta' kull darba jitlaq minn idejh imbagħad ikun kostrett li jpatti bis-suppost ħin liberu tiegħu biex jlaħħaq max-xogħol tal-uffiċju.

54.5.11 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar parti minn Triq il-Kunċizzjoni hekk kif toħroġ mil-isqaq u tieħu n-niżla li minna iddur lejn l-Għajn tal-Ħasselin sabiex ssir Stop Sign got- tarf qabel id-dawra.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

54.5.12 Is-Sur Maurice Agius għamel referenza għal korrispondenza 417:c:2023 indirizzata lit-Tribunal Lokali San Ġwann u staqsa dwar il-kontenut tagħha.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li wara bosta residenti minn go Triq il-Kunzar ħadu ċitazzjoni minħabba rimi ta'skart fil-kantuniera faċċata ta’ fejn saret CCTV dawn bdew jiġu jew jagħmlu kuntatt sabiex jew jitolbu lil kunsill Lokali affarijiet bħal eżempju spjegazzjoni għax ma hemmx liġi li tgħid li ż-żibel irrid ikun mar-residenza jew sabiex il-kunsill jikteb lit-Tribunal li huma qatt ma kienu jafu li ma tistax tarmi hemm jew għax kienu żgwidat minn xi terzi bħal sid il-kera jew sabiex is-Segretarju Eżekuttiv jigi jixhed jew biex jispjega quddiem it-tribunal. Għalhekk wara li tkellem ma'uffiċjali tat-Tribunal kien biżżejjed li ssir ittra uffiċjali li inqrat għas-sodisfazzjon tal-kunsilliera preżenti b'dikjarazzjoni li kjarifika li l-Kunsill Lokali L-Imsida qatt ma'ħareġ fl-ebda moment mal-ebda persuna xi avviż jew struzzjonijiet li jmorru kontra id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni sussidjarja 549.40.

54.5.13 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar il- bzonnijiet tar-residenti u spjega fil-workshops li saru waqt il-laqgha plenarja gie diskuss is-sugett li filwaqt li hemm bosta affarijiet li ma humiex fil-funzjoni tal-kunsilli lokali xorta hemm id-dover biex ir-resident ikun assistit mill-ahjar mod possibli ghalhekk ma jkunx jista jifhem ghala xi residenti jilmentaw mieghu li meta jaghmlu kuntatt mal-ufficju amministrattiv ghall xi raguni gieli jinghataw twegiba li dik mhux f'idejn il-kunsill u jaqtghawlhom kiesah u biered.

Is-Segretarju Ezekkutiv wiegeb li waqt li jkun qieghed l-ufficju jisma x'jkunu qed iwiegbu l-impjegati u anke meta jisma xi haga mhux ezatt johrog u jikkoregi kif suppost skont il-kaz. Izda qed jassigura li assolutament mhux il-kaz li l-amministrazjoni twarrab jew ma tipprovax tghin lir-resident sabiex ikun gwidat. Bizejjed wiehed jara il-kwantita ta'rapporti u komunikazjonijiet ohra li jsiru ma' bosta dipartimenti jew agenziji ghax il-kunsill ikun infurmat mir-residenti apparti l-appuntamenti li jkollu maghhom fl-ufficju jew fuq il-post meta dawn jitolbu li jixtiequ jkellmuh. Hawn spjega li meta jkun hemm komunikazjoni eletronika din qed tinghada mal- ewwel fejn tikoncerna u CC lir-resident koncernat biex jigi inkluz fit-twegiba u jkollu referenza. Spjega ukoll kif ma tistax tigeneraliza u trid timxi skond il-kaz x'jkun u kif il-kunsill jista jghin. Biss minkejja li tipprova tghin hemm ukoll whud li meta tispjegalhom x'jista jew x’qed ssir xorta ma jkunux irridu jifhmu jew sahansitra ikunu arroganti fl-estrem.

**54.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

Ma' kienx hemm rapporti.

**54.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;**

54.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-54 ta’ ħlasijiet bejn l -31 ta'Mejju u s-27 ta' Gunju 2023.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew l-iskeda li ġiet proposta mis-Sur Maurice Agius u s-sekondat mis-Sur Charles Selvaggi.
Il-Kunsilliera preżenti approvaw l-iskeda unanimament.

**54.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

54.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit 8:35 ta' filgħaxija, u seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 25 ta' Lulju fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 25 ta' Lulju 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |